MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 16/2001/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

Seduta ta’ nhar it-Tlieta 5 ta’ Ottubru, 2004 .

**Avviz numru : 16/2001G2(PC)**

Socjeta' kummercjali 'Gaidec Co. Ltd.'

vs

George u Maria Cremona .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati sabiex previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi intom ghandkom taghtu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u sitta u sebghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm976.75) rapprezentanti prezz ta’ soffitt panelling supplit lilhom f’diversi okkazzjonijiet; huma jigu kundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici din l-istess somma bl-interessi fuqha b’effett minn meta tlesta x-xoghol fis-16 ta’ Awissu, 2000, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Frar, 2001, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment, kontra l-konvenuti .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenuti huma ngunti .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi in linea preliminari l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradittur i ;

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti m’ghandhomx jaghtu l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici ;

3. Illi kienet s-socjeta’ attrici li naqset li twettaq l-obbligi kuntrattwali fi zmien li l-appalt intrapriz minnha kellu jitlesta a soddisfazzjon tal-eccipjenti u ghalhekk telf ta’ profitti kif ser jigi spjegat dettaljatament fil-kors tal-kawza ;

4. Illi fi kwalunkwe kaz t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a)(b) tal-Kap. 16 ;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u l-affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' dan l-Avviz is-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenuti l-hlas ta' soffit mibjugh u nstallat f'hanut fi Triq ir-Republika, Victoria, Ghawdex . Ghal din it-talba l-konvenuti ressqu diversi eccezzjonijiet . Preliminarjament qed jghidu li mhumiex il-legittimi kontraditturi ghaliex il-hanut fejn saru dawn ix-xoghlijiet huwa mmexxi minn "Homemart Enterprises Limited" u mhux minnhom personalment . Ma jidher li sar ebda kuntratt formali dwar l-ordni li kienet saret lis-socjeta' attrici, fejn allura ma kienx ikun hemm dubbju dwar min kienu l-kontraenti . Giet esebita pero' stima tal-prezzijiet rilaxxjata mis-socjeta' attrici u ndirizzata lil George Cremona[1] . Din l-istima tidher li giet accettata mill-konvenut, li qatt ma rrileva lis-socjeta' attrici li huwa kien qed jidher biss bhala direttur ta' xi kumpanija u mhux fi kwalita' personali . Kif gie mfisser tant tajjeb mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri :

"*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata . Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta' attrici f'dak il-mument, ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita' ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta .*

*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor . Certi kazijiet huma ovvji . Fejn hemm dubju pero', wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju."*[2]

---

[1] Dok. CM 1 a fol. 15 tal-process .
[2] Legend Real estate Limited vs Ron Chetcuti : 20.10.2003 .

Ghalhekk f'cirkostanzi fejn ma jirrizulta li sakemm giet istitwita din il-kawza, l-konvenuti qatt ma rrilevaw li l-hanut fejn sar ix-xoghol in kwistjoni kien gestit mill-kumpanija msemmija u mhux minnhom personalment u li dik l-ordni kienet saret f'isem l-istess kumpanija, din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi .

Il-konvenuti jressqu wkoll eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar u dik ta' sentejn . Imma kif tajjeb gie ndikat mis-socjeta' attrici fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha, din l-eccezzjoni hija nkompatibbli ma' l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuti fis-sens li kien hemm nuqqas ta' twettiq ta' l-obbligu kuntrattwali fiz-zmien stipulat u ghas-sodisfazzjon taghhom . Il-konvenuti sostnew din l-eccezzjoni ta' l-ahhar ghaliex is-socjeta' attrici damet aktar minn hames snin biex tissuplixxi tliet *grids* ohra ghas-soffit in kwistjoni . Imma kif gie stabilit mill-gurisprudenza lokali tezisti kontradizzjoni bejn iz-zewg eccezzjonijiet "*ghaliex minn banda wahda qed tigi vantata l-preskrizzjoni, filwaqt li mill-banda l-ohra qed jinghad li peress li fl-opinjoni tal-konvenut ix-xoghol ma sarx sew allura m'ghandux isir hlas; it-tieni eccezzjoni twaqqa' l-ewwel wahda tal-preskrizzjoni, peress li qed jaghraf li huwa zgur ma hallasx id-debitu tieghu lejn id-ditta attrici*."[3] L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi ghalhekk ukoll respinta .

Dwar in-nuqqas ta' twettieq ta' l-obbligi kuntrattwali, rrizulta mill-provi illi s-soffit in kwistjoni gie nstallat ftit gimghat wara li saret l-ordni, u gie esegwit skond pjanta mhejjija minn *designer* inkarigat mill-konvenuti[4] . Kien jonqos biss tliet *grids* li Carmel Mizzi tas-socjeta' attrici jsostni li l-konvenut ordnalu wara li kien gia tlesta x-xoghol u li l-konvenut jinsisti li kienu nieqsa[5] . Fi kwalunkwe kaz huwa ammess illi dawn twasslu fil-hanut tal-konvenut wara hames snin li kien tlesta s-soffit, imma baqghu qatt ma twahhlu mal-kumplament tas-soffit. Fid-dawl ta' dak li anke qal l-istess *designer* John Scerri fis-sens illi minn dak li seta' jara hu fil-post, jidher illi x-xoghol gie esegwit

---

[3] Prim'Awla : Alfred Sammut vs Peter Vella - 15.10.1986 .
[4] ara xhieda John Scerri tat-13.6.2003 a fol. 47 - 49 u pjanta Dok. CM 2 a fol 16 .
[5] ara ritratt esebit a fol . 27 .

skond il-pjanta tieghu, il-Qorti hija iktar propensa li taccetta l-versjoni ta' Carmel Mizzi, li dawn it-tliet *grids* kienu ordni gdida li saritlu wara li gie nstallat is-soffit . M'hemm l-ebda raguni ghalhekk ghaliex is-socjeta' attrici m'ghandhiex tithallas ta' dak li hija wettqet skond l-ordni originali li kienet saritilha, u allura fl-ammont ta' Lm884.75, skond ma jirrizulta mill-*quotation* Dok. CM 1 .  Imma mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' l-ordni supplementari tat-tliet *grids* .  Huwa veru li dawn ukoll gew suppliti, imma ghal xi raguni jew ohra Mizzi qabad u telaqghom fil-hanut tal-konvenuti u qatt ma nstallahom fil-post .  F'dan is-sens ghalhekk din it-tieni ordni baqghet ma gietx esegwita pjenament u ghaliha s-socjeta' attrici ghad ma tistax titlob hlas .

Il-konvenuti jaghtu eccezzjoni ohra fis-sens li l-ammont mitlub mhux dovut, imma ma jidhirx illi din l-eccezzjoni giet sostnuta, hlief indirettament fit-trattazzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, hlief limitatament fir-rigward ta' l-eccezzjoni li l-obbligi kuntrattwali ma gewx esegiti kollha, kif hawn fuq spjegat, u tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara li l-konvenuti ghandhom jaghtuha s-somma ta' tmien mija erba' u tmenin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm884.75) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu din is-somma lis-socjeta' attrici, bl-interessi relattivi  mid-data tas-sentenza  sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal erba' minn hames kwinti (4/5) mill-konvenuti u  kwint (1/5) mill-istess socjeta' attrici .
S1601Pc(inf)

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------